

Brussell, 23 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15640/23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0302(COD)

---

---

CODEC 2189  
PECHE 518  
PE 144

## NOTA TA' INFORMAZZJONI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn (Thunnus thynnus) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 640/2010  
- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew  
(Strasburgu, mill-20 sat-23 ta' Novembru 2023)

---

### I. INTRODUZZJONI

Saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq fehim dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għas-Sajd (PECH), Pierre KARLESKIND (RE, FR) ippreżenta fisem il-Kumitat PECH emenda ta' kompromess (l-emenda numru 11) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha Gabriel MATO (PPE, ES) kien ħejja abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

## II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fil-21 ta' Novembru 2023, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 11) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu kif stabbilita fl-Anness għal dan id-dokument<sup>1</sup>.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

---

---

<sup>1</sup> Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġiżlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

**P9\_TA(2023)0399**

## **Programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn (Thunnus thynnus) u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 640/2010 (COM(2020)0670 – C9-0336/2020 – 2020/0302(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2020)0670),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0336/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Jannar 2021<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-13 ta' Settembru 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0172/2021),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt<sup>2</sup>;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>1</sup> ĠU C 123, 9.4.2021, p. 72.

<sup>2</sup> Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-16 ta' Frar 2022 (Testi adottati, P9\_TA(2022)0027.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-21 ta' Novembru 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn (*Thunnus thynnus*) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 640/2010**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 123, 9.4.2021, p. 72.

<sup>2</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Novembru 2023.

Billi:

- (1) Wieħed mill-objettivi tal-politika komuni tas-sajd, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, huwa li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jipprovdi benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.
- (2) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE<sup>4</sup>, għall-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dik il-Konvenzjoni fir-rigward tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u ta' ħut li jpassi ħafna, ratifikat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE<sup>5</sup>, u għall-Ftehim biex jippromwovi l-konformità tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni minn bastimenti tas-sajd f'ibħra internazzjonali, aċċettat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/428/KE<sup>6</sup>. Fil-qafas ta' dawk l-obbligi internazzjonali, l-Unjoni tipparteċipa fl-isforzi magħmula sabiex tkun żgurata ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut li jpassi ħafna.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

<sup>5</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-diżpożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14.).

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/428/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-aċċettazzjoni mill-Komunità tal-Ftehim li jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u maniġġjar minn bastimenti tas-sajd fl-ibħra internazzjonali (ĠU L 177, 16.7.1996, p. 24).

- (3) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (il-“Konvenzjoni”) skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE<sup>7</sup>. Il-Konvenzjoni tipprevedi qafas għal kooperazzjoni reġjonali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn u ta’ speċijiet li jixbhu lit-tonn fl-Oċean Atlantiku u fl-ibħra ta’ madwaru billi stabbilixxiet Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (“ICCAT”), u għall-adozzjoni ta’ rakkomandazzjonijiet applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni li jsiru vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni, il-Partijiet, l-entitajiet u l-entitajiet tas-sajd mhux kontraenti li jikkooperaw magħha (“PKK”).
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> implimenta fid-dritt tal-Unjoni r-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 09-11 li temenda r-Rakkomandazzjoni 08-12 li tintroduċi programm ta’ dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn.

---

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta’ Ġunju 1986 dwar l-adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jiffurmaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f’Pariġi fl-10 ta’ Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Lulju 2010 li jstabbilixxi programm ta’ dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn *Thunnus thynnus* u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1984/2003 (ĠU L 194, 24.7.2010, p. 1).

- (5) Bħala parti mill-miżuri biex jiġu regolati l-istokkijiet tat-tonn, biex jittejjbu l-kwalità u l-affidabbiltà tad-data statistika u sabiex jiġi evitat, skoraġġut u eliminat is-sajd illegali, l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjonijiet 18-13 u **21-19 dwar programm ta' dokumentazzjoni dwar it-tonn tal-ICCAT**, li jintroduċu l-implimentazzjoni tal-iskema ta' dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn, ir-Rakkomandazzjonijiet 10-11 dwar programm elettroniku ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn (eBCD) u **22-16 dwar l-applikazzjoni tas-sistema eBCD**, li jiżviluppaw u jsaħħu l-implimentazzjoni tal-iskema ta' dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn billi jintroduċu sistema obbligatorja tal-eBCD, u **r-Rakkomandazzjoni 22-08 li tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran**. Il-PKK u l-Istati Membri bdew l-implimentazzjoni parzjali tas-sistema tal-eBCD f'Ġunju 2016. Din ilha li ġiet implimentata bis-sħiħ minn Jannar 2017 u qed tintuża mill-Istati Membri.
- (6) **Il-Konvenzjoni tistabbilixxi l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ispanjol bħala l-lingwi uffiċjali tal-ICCAT. Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'mod effettiv u biex jiġu evitati ostakli fil-komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li d-dokument tal-qabdiet tat-tonn ("BCD") u ċ-ċertifikat tar-riesportazzjoni tat-tonn ("BFTRC") jiġu ppreżentati f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-ICCAT.**

- (7) Ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT huma emendati ta' spiss mill-PKK u x'aktarx li se jiġu emendati ulterjorment fil-futur. Għalhekk, sabiex l-emendi futuri għar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT jiġu implimentati malajr fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex temenda dan ir-Regolament rigward: l-użu obbligatorju tal-eBCD u l-BCD; ir-regoli tal-BCD raggruppati; il-validazzjoni tal-BCD u l-eBCD; l-iskadenza tad-deroga għat-tikkettar tal-informazzjoni b'rabta mad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup>; ir-reġistrazzjoni u l-validazzjoni tal-qabdiet u tal-kummerċ sussegwenti fis-sistema eBCD; l-informazzjoni dwar il-validazzjoni u l-punti ta' kuntatt; l-użu ta' BCD stampati u eBCD stampati; id-dati tar-rapportar; ***referenzi għall-annessi tar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT u għall-Annessi korrispondenti ta' dan ir-Regolament; u l-Annessi ta' dan ir-Regolament.*** ■ Huwa partikularment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>10</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (8) Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni sempliċement timplimenta r-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT fid-dritt tal-Unjoni sabiex tpoġġi lis-sajjieda tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi fuq l-istess livell u sabiex tiżgura li r-regoli jiġu aċċettati u implimentati bis-sħiħ minn kulħadd.

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1).

<sup>10</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (9) L-atti delegati previsti f' dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tal-bidliet futuri għar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT fid-dritt tal-Unjoni permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 640/2010 jiġi jitħassar, peress li dan ir-Regolament jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni miżuri ġodda tal-ICCAT għall-programm tad-dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn.

- (11) *Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup> u ta kummenti formali fis-17 ta' Mejju 2022.*
- (12) *Meta d-data personali tiġi pproċessata fil-kuntest tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, japplikaw ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup> u r-Regolament (UE) 2018/1725, u jenħtieġ li jiġi żgurat li l-obbligi relatati mal-protezzjoni tad-data personali jiġu rispettati f'kull ħin u fil-livelli kollha. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jridu jitqiesu bħala kontrollur kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/679 b'rabta mal-ipproċessar ta' data personali li huma jiġbru skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (8), tar-Regolament (UE) 2018/1725 b'rabta mal-ipproċessar ta' data personali li hija tiġbor skont dan ir-Regolament,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>11</sup> *Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).*

<sup>12</sup> *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

KAPITOLU I  
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-Unjoni dwar il-qabdiet tat-tonn, sabiex tiġi implimentata l-iskema ta' dokumentazzjoni dwar il-qabdiet tat-tonn adottata mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u l-użu obligatorju tas-sistema elettronika tal-BCD (eBCD), bil-ħsieb li jiġi identifikat l-orijini tat-tonn kollu maqbud, sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT.
2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-kummerċ domestiku, għall-esportazzjoni, għall-importazzjoni u għar-riesportazzjoni ta' partijiet tal-ħut minbarra l-laħam, bħalma huma l-irjus, l-għajnejn, il-bajd, l-imsaren u d-dnub.

Artikolu 2  
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “BCD” tfisser d-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn, li l-format tiegħu huwa previst fl-Anness 2 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 18-13 ***u kif stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament***;
- (2) “tonn” tfisser ħut tal-ispeċi *Thunnus thynnus* fi ħdan il-kodiċijiet rilevanti tan-Nomenklatura Magħquda tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87<sup>13</sup>;
- (3) “il-Konvenzjoni” tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku;
- (4) “żona tal-Konvenzjoni” tfisser iż-żona ġeografika, kif stabbilita fl-Artikolu I tal-Konvenzjoni, koperta mill-miżuri tal-ICCAT;

---

<sup>13</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

- (5) “kummerċ domestiku” tfisser:
- (a) il-kummerċ, fi Stat Membru wieħed jew bejn żewġ Stati Membri jew aktar, ta’ tonn maqbud fiż-żona tal-Konvenzjoni minn bastiment tal-qbid jew nassa tal-Unjoni, u li jinħatt fit-territorju tal-Unjoni; u
  - (b) il-kummerċ, fi Stat Membru wieħed jew bejn żewġ Stati Membri jew aktar, ta’ tonn imrobbi maqbud fiż-żona tal-Konvenzjoni minn bastiment tal-qbid ***jew nassa*** tal-Unjoni, u li jitqiegħed f’gagėg f’farm stabbilit fit-territorju tal-Unjoni;
- (6) “importazzjoni” tfisser l-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni, inkluż għal finijiet ta’ tqegħid f’gagėg, tismin, trobbija jew trażbord, tat-tonn maqbud fiż-żona tal-Konvenzjoni minn bastiment tal-qbid jew nassa ta’ pajjiż terz;

- (7) “esportazzjoni” tfisser kull moviment lejn pajjiż terz ta’ tonn maqbud fiż-żona tal-Konvenzjoni minn bastiment tal-qbid jew nassa tal-Unjoni, inkluż kull moviment mit-territorju tal-Unjoni, minn pajjiżi terzi jew minn żoni tas-sajd;
- (8) “riesportazzjoni” tfisser kwalunkwe moviment mit-territorju tal-Unjoni tat-tonn li kien importat preċedentament fit-territorju tal-Unjoni;
- (9) “Stat Membru tan-nassa” tfisser l-Istat Membru fejn hija stabbilita n-nassa;
- (10) “Stat Membru tal-farm” tfisser l-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-farm;
- (11) “PKK” tfisser il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni u l-partijiet, entitajiet jew entitajiet tas-sajd mhux kontraenti li jikkooperaw magħha.

KAPITOLU II  
DOKUMENT DWAR IL-QABDIET TAT-TONN

Artikolu 3  
Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Is-sistema eBCD għandha tintuża għal kwalunkwe **qabda**, ħatt, trasferiment **inkluż it-trasferimenti ġewwa u bejn il-farms**, trażbord, tqegħid f'gagėg, qbid għall-qatla, kummerċ domestiku, importazzjoni, esportazzjoni jew riesportazzjoni tat-tonn. Il-BCDs stampati jistgħu jintużaw taħt ċirkostanzi eċċezzjonali kif previst fl-Artikolu 11.
2. Għandu jimtela BCD, **f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-ICCAT (Ingliż, Franċiż jew Spanjol)**, għal kull tonna li tinqabad minn bastiment tas-sajd jew nassa, ittrasferita, li tinħatt l-art jew li tiġi ttrażbordata fil-portijiet minn bastiment tas-sajd jew nassa, jew li titqiegħed f'gagėg jew tinqabad għall-qatla mill-farms.

3. Kull lott ta' tonn ikkummerċjalizzat domestikament, importat fit-territorju tal-Unjoni jew esportat jew riesportat minnu għandu jkun akkumpanjat minn BCD ivvalidat mill-awtorità kompetenti, bl-eċċezzjoni ta' każijiet fejn japplika l-Artikolu 4(4) u, fejn applikabbli, minn dikjarazzjoni ta' trasferiment tal-ICCAT jew ċertifikat ta' riesportazzjoni tat-tonn ("BFTRC") ivvalidat. Kull lott tat-tonn għandu jinkludi biss prodotti tat-tonn tal-istess preżentazzjoni u li joriġinaw mill-istess żona ġeografika rilevanti u l-istess bastiment tas-sajd, jew grupp ta' bastimenti tas-sajd, jew l-istess nassa tas-sajd.
4. Għandu jkun ipprojbit li t-tonn jinħatt, jiġi ttrasferit, jiġi *trażbordat, jitqiegħed f'gagħg*, jiġi kkonsenjat, jinqabad għall-qatla, jiġi ikkummerċjalizzat domestikament, importat, esportat jew riesportat mingħajr BCD **u** BFTRC mimlija u, fejn applikabbli, ivvalidati, meta dan ikun meħtieġ .
5. Kull BCD għandu jkollu numru ta' identifikazzjoni uniku għad-dokument. In-numri ta' identifikazzjoni tad-dokumenti għandhom ikunu speċifiċi għall-Istat Membru tal-bandiera jew tan-nassa.

6. Fil-ħin tat-tqiegħid f' gaġeġ u diment li l-ħut kollu jitqiegħed f' gaġeġ fl-istess gaġeġ tat-trobbija tal-ħut u fl-istess jum, il-BCDs rilevanti jistgħu jinġabru bħala "BCD raggruppat" b' numru ġdid tal-BCD fil-każijiet li ġejjin:
  - (a) qabdiet multipli magħmulin mill-istess bastiment;
  - (b) qabdiet li jsiru minn operazzjonijiet konġunti tas-sajd.
7. Il-BCD raggruppat għandu jissostitwixxi l-BCDs oriġinali relatati kollha u għandu jkun akkumpanjat mil-lista tan-numri kollha assoċjati tal-BCD. Il-kopji ta' tali BCDs assoċjati għandhom ikunu magħmulin disponibbli għall-Istati Membri jew għall-awtoritajiet tal-kontroll tal-PKK, jekk jintalbu jagħmlu dan.
8. It-tonn li jinqabad bħala qbid inċidentali minn bastimenti mhux awtorizzati biex jistadu b' mod attiv għat-tonn skont ir-Regolament (UE) 2023/2053 jista' jiġi kkumerċjalizzat. L-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-awtoritajiet tal-port u l-awtoreġistrazzjoni awtorizzata mill-kaptan jew mir-rappreżentant tal-bastiment għandhom jiffaċilitaw l-aċċess mill-kaptan jew mir-rappreżentant tal-bastiment għas-sistema tal-eBCD, inkluż permezz tan-numru ta' reġistrazzjoni nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti kkonċernati ma għandhomx ikunu meħtieġa jissottomettu lista ta' tali bastimenti lill-Kummissjoni.

9. Tonn li jmut matul l-operazzjonijiet ta' trasferiment, irmonk jew tqegħid f'gagėg koperti bl-Artikoli 40 sa 55 tar-Regolament (UE) 2023/2053 ■ jista' jiġi kkumerċjalizzat mill-bastiment tas-sajd bil-purse seine, mill-bastiment *awżiljarju, nassa* u/jew mir-rappreżentanti tal-farm, fejn ikun applikabbli.
10. It-tonn li jinqabad għall-qatla fis-sajd sportiv u rikreattiv, li l-bejgħ tiegħu huwa pprojbit, ma għandux ikun soġġett għal dan ir-Regolament u għalhekk, ma għandux bżonn, jiġi rreġistrat fis-sistema tal-eBCD.

#### Artikolu 4

#### Validazzjoni

1. Il-kaptani tal-bastimenti tal-qbid, l-operaturi tan-nases, l-operaturi tal-farm, il-bejjieġha u l-esportaturi, jew ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, għandhom jimlew il-BCD billi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa u għandhom jitolbu l-validazzjoni tiegħu skont il-paragrafu 2 fir-rigward ta' kull tonna li tinqabad, tinħatt, titqieġhed f'gagėg, tinqabad għall-qatla, tiġi ttrażbordata, tiġi kkumerċjalizzata domestikament jew tiġi esportata.

2. Il-BCD għandu jiġi vvalidat minn awtorità kompetenti ***tal-Istat Membru*** tal-bandiera tal-bastiment jew ***tan-nassa*** jew tal-Istat Membru tal-farm li jkun qabad jew qabad it-tonn għall-qatla, jew tal-Istat Membru tal-istabbiliment tal-bejjeġh jew tal-esportatur li kkumerċjalizza domestikament jew esporta t-tonn.
3. L-Istati Membri għandhom jivvalidaw il-BCD għall-prodotti tat-tonn biss meta:
  - (a) l-informazzjoni kollha li tinsab fil-BCD tkun ġiet ivverifikata bħala preċiża;
  - (b) l-ammonti akkumulati ■ ***tal-qabdiet*** huma fi ħdan il-kwoti jew fil-limiti tal-qabdiet tagħhom għas-sena rilevanti amministrattiva, inkluż, fejn xieraq, kwoti individwali allokatu lill-bastimenti tal-qbid jew lin-nases; u
  - (c) il-prodotti jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti l-oħrajn kollha tal-ICCATA tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

4. Il-validazzjoni skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tkun meħtieġa fejn it-tonn kollu disponibbli għall-bejgħ ikun ittikkettat, f'konformità mal-Artikolu 6(4), mill-Istat Membru tal-bandiera jew tan-nassa li jkun qabdu.
5. Meta l-kwantitajiet tat-tonn li jkun inqabad u nħatt ikunu inqas minn tunnellata metrika waħda jew inqas minn tliet ħutiet, il-ġurnal ta' abbord tas-sajd jew in-nota tal-bejgħ jistgħu jintużaw bħala BCD temporanju, sakemm issir il-validazzjoni tal-BCD fi żmien sebat ijiem mill-ħatt u qabel l-esportazzjoni.
6. BCD ivvalidat għandu jinkludi, kif ikun xieraq, l-informazzjoni stabbilita fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 18-13 *u fl-Anness I ta' dan ir-Regolament*. L-istruzzjonijiet dwar il-ħruġ, in-numerazzjoni, il-mili, u l-validazzjoni tal-BCD huma stabbiliti fl-Anness 3 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 18-13 *u fl-Anness III ta' dan ir-Regolament*.
7. L-informazzjoni dwar ix-xerrej fit-taqsimi tal-informazzjoni dwar il-kummerċ għandha tiddaħħal fis-sistema tal-eBCD qabel il-validazzjoni. It-taqsimi tal-informazzjoni dwar il-kummerċ ta' eBCD għandha tiġi vvalidata qabel l-esportazzjoni.

8. L-esportazzjoni mill-Istati Membri għandha sseħħ biss jekk il-kummerċ preċedenti bejn l-Istati Membri jkun ġie rreġistrat kif suppost. Tali esportazzjoni għandha tkompli teħtieġ validazzjoni fis-sistema tal-eBCD f'konformità mal-paragrafi 1 sa 5.

#### Artikolu 5

Reġistrazzjoni u validazzjoni tal-qabdiet u l-kummerċ sussegwenti fis-sistema tal-eBCD

1. Wara r-reġistrazzjoni u l-validazzjoni tal-qabdiet u l-ewwel kummerċ fis-sistema tal-eBCD f'konformità mal-Artikolu 4, l-informazzjoni dwar il-bejgħ intern tat-tonn fi Stat Membru wieħed għandha tiġi rreġistrata fis sistema tal-eBCD. Il-validazzjoni ta' dak il-bejgħ intern ma għandiex tkun meħtieġa.
2. Wara r-reġistrazzjoni u l-validazzjoni tal-qabdiet u l-ewwel kummerċ fis-sistema tal-eBCD, il-kummerċ domestiku bejn l-Istati Membri għandu jimtela fis-sistema tal-eBCD mill-bejjiegħ f'konformità mal-Artikolu 4.

3. L-awtorità kompetenti msemija fl-Artikolu 4(2) għandha tivvalida l-kummerċ domestiku *bejn l-Istati Membri* tal-forom tal-prodotti “bla garġi u mnaddfa” (GG), “imħejjija” (DR), u “tondi” (RD). Madankollu, b’deroga mill-Artikolu 4, il-validazzjoni ma għandiex tkun meħtieġa:

- (a) meta l-kummerċ domestiku tat-tonn ikun fil-forom tal-prodotti “fletti” (FL) jew “oħrajn, speċifikati” (OT) elenkati fl-eBCD;
- (b) meta l-prodott FL jew OT imsemmi fil-punt (a) jiġi ppakkjat għat-trasport, f’dan il-każ in-numru assoċjat tal-eBCD għandu jkun miktub b’mod li jinqara u ma jiġihassarx fuq in-naħa ta’ barra ta’ kwalunkwe pakkett li jkun fih kwalunkwe parti mit-tonna ħlief għall-prodotti eżentati speċifikati fl-Artikolu 1(2).

Għall-prodotti FL jew OT, il-kummerċ domestiku sussegwenti lejn Stat Membru ieħor għandu jsir biss meta l-informazzjoni dwar il-kummerċ mill-Istat Membru preċedenti tkun ġiet irreġistrata fis-sistema tal-eBCD.

4. Id-deroga prevista fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2024. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-deroga **■**. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar il-verifika mill-Istati Membri prevista fl-Artikolu 9, dwar l-eżiti ta' dik il-verifika u data dwar l-avvenimenti kummerċjali kkonċernati, inkluża l-informazzjoni statistika rilevanti bħall-ammont ta' tonn u l-għadd ta' attivitajiet kummerċjali koperti minn dik id-deroga.
5. Il-kummerċ tat-tonn ħaj, inkluż l-avvenimenti kummerċjali kollha lejn u mill-farms tat-tonn għandu jiġi rreġistrat u vvalidat fis-sistema tal-eBCD f'konformità ma' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.
6. B'deroga mill-Artikolu 3(3), il-validazzjoni tat-taqsimiet 2 (qabda) u 3 (kummerċ ħaj) fis-sistema tal-eBCD tista' timtela simultanjament.
7. L-emendar u r-rivalidazzjoni tat-taqsimiet 2 (qabda) u 3 (kummerċ ħaj) fis-sistema tal-eBCD kif meħtieġ mill-Artikolu 51, u l-Anness XI, tar-Regolament (UE) 2023/2053, relatati mal-użu ta' sistemi ta' kameras sterjoskopiċi jistgħu jimtlew wara l-operazzjoni tat-tqegħid f'gagėg.

## Artikolu 6

### Tikkettar

1. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-bastimenti tal-qbid jew in-nases tagħhom iwaħħlu tikketta ma' kull tonna, preferibbilment fil-ħin tal-qatla, iżda fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn meta tinħatt ("programm ta' tikkettar"). It-tikketti għandu jkollhom numri uniċi speċifiċi tal-Istat Membru u għandhom ikunu reżistenti għat-tbagħbis. In-numri tat-tikketti għandhom ikunu marbutin mal-eBCD.
2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jibagħtu sommarju tal-implimentazzjoni tal-programm ta' tikkettar lill-Kummissjoni sat-30 ta' April ta' kull sena fir-rigward tas-sena preċedenti. Kwalunkwe bidla sussegwenti fil-programm ta' tikkettar għandha tintbagħat ukoll lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat is-sommarji lis-Segretarjat tal-ICCAT.
3. L-użu ta' tikketti skont dan l-Artikolu għandu jkun awtorizzat biss meta l-ammonti akkumulati tal-qabdiet ikunu fi ħdan il-kwoti jew il-limiti tal-qabdiet tal-Istati Membri għal kull sena amministrattiva, inkluż, fejn ikun xieraq, kwoti individwali allokatu lill-bastimenti jew lin-nases.

4. Għall-finijiet tal-Artikolu 4(4), il-programmi ta' tikkettar kummerċjali tal-Istat Membru tal-bandiera għall-bastiment jew għan-nassa li jkunu qabdu t-tonn għall-qatla li taħthom il-ħut jiġi ttikkettat għandhom jipprovdu mill-inqas dan li ġej:
- (a) li t-tonn kollu fl-eBCD ikkonċernat jiġi ttikkettat individwalment;
  - (b) ***l-informazzjoni li ġejja assoċjata*** mat-tikketta:
    - (i) l-identifikazzjoni tal-bastiment tal-qbid jew tan-nassa;
    - (ii) id-data tal-qabda jew tal-ħatt;
    - (iii) iż-żona tal-qbid tal-ħut għall-qatla fil-vjeġġ;
    - (iv) l-irkaptu użat biex jinqabad il-ħut;
    - (v) it-tip ta' prodott u l-piż individwali tat-tonn ittikkettat;
    - (vi) fejn applikabbli, informazzjoni dwar l-esportatur u l-importatur; u
    - (vii) fejn applikabbli, il-punt tal-esportazzjoni.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, il-punt (b)(v), ta' dan l-Artikolu, għal dak is-sajd soġġett għad-derogi fir-rigward ta' daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/2053, sal-31 ta' Diċembru **2024**, l-Istati Membri jistgħu minflok jipprovdu l-piż approssimattiv tal-ħut individwali fil-qabda waqt il-ħatt l-art, li għandu jiġi ddeterminat permezz ta' kampjunar rappreżentattiv.■
6. Meta l-Istati Membri japplikaw id-deroga prevista **fil-paragrafu 5** ta' dan l-Artikolu, huma għandhom ■ jirrapportaw lill-Kummissjoni **kull sena f'konformità mal-Artikolu 5(4)** dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-deroga.
7. L-informazzjoni dwar il-ħut ittikkettat għandha tinġabar mill-Istat Membru responsabbli għall-programm ta' tikkettar.
8. Il-Kummissjoni għandha tiġbor l-informazzjoni dwar il-ħut ittikkettat li jkun wasal mill-Istati Membri u għandha tibgħatha lill-ICCAT fil-format tar-rapport ta' implimentazzjoni tal-Unjoni.

KAPITOLU III  
ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI TAT-TONN

Artikolu 7

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li kull lott ta' tonn li jiġi riesportat mit-territorju tiegħu jkun akkumpanjat minn BFTRC ivvalidat.
2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika f'każijiet fejn it-tonn jiġi importat ħaj.
3. L-operatur responsabbli għar-riesportazzjoni għandu jimla l-BFTRC *f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-ICCAT (Ingliż, Franċiż jew Spanjol)* u għandu jitlob il-validazzjoni tiegħu sabiex il-lott tat-tonn jiġi riesportat. Il-BFTRC mimli għandu jkun akkumpanjat minn kopja tal-BCD(s) validat(i) relatat(i) mal-prodotti tat-tonn li jkunu ġew importati qabel.

## Artikolu 8

### Validazzjoni tar-riesportazzjoni

1. Il-BFTRC għandu jiġi vvalidat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li mit-territorju tiegħu l-lott jiġi riesportat.
2. L-awtorità kompetenti għandha tivvalida l-BFTRC għall-prodotti tat-tonn kollha, dment li:
  - (a) jkun ġie stabbilit li l-informazzjoni kollha inkluża fil-BFTRC hija preċiża;
  - (b) il-BCD(s) korrispondenti vvalidat(i) ġie(ġew) aċċettat(i) għall-importazzjoni tal-prodotti ddikjarati fil-BFTRC;
  - (c) il-prodotti li jridu jiġu riesportati jkunu kompletament jew parzjalment l-istess prodotti li jidhru fuq il-BCD(s) ivvalidat(i); u
  - (d) kopja tal-BCD(s) tintehmeż mal-BFTRC li jrid jiġi vvalidat.
3. Il-BFTRC ivvalidat għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita ***fl-Anness 2 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 22-16*** u fl-Anness 5 tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 18-13, ***u fl-Annessi IV u V ta' dan ir-Regolament.***

## KAPITOLU IV

### VERIFIKI

#### Artikolu 9

##### Verifiki

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jidentifikaw kull lott ta' tonn li jinħatt fit-territorju tagħhom u li jkun ikkummerċjalizzat domestikament fih, jiġi importat fit-territorju tagħhom jew esportat jew riesportat minnu, u jitolbu u jeżaminaw il-BCD(s) ivvalidat(i) u d-dokumentazzjoni relatata ta' kull lott tat-tonn.
2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżaminaw il-kontenut tal-lott biex jivverifikaw l-informazzjoni inkluża fil-BCD u f' dokumenti relatati. Fejn meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki mal-operaturi kkonċernati.

3. Jekk, bħala rizzultat tal-eżamijiet jew tal-verifiki imwettqa skont il-paragrafi 1 u 2, iqumu xi dubji dwar l-informazzjoni inkluża f'BCD, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun saret l-importazzjoni finali u l-Istat Membru jew il-PKK li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom ikunu vvalidaw il-BCD(s) jew il-BFTRCs għandhom jikkooperaw biex isolvu t-tali dubji.
4. Jekk Stat Membru jidentifika lott mingħajr BCD, dan għandu jinnotifika s-sejbiet lill-Istat Membru li jkun ikkummerċjalizza l-lott domestikament, jew lill-PKK li tkun qed tesporta u, fejn dan ikun magħruf, lill-Istat Membru tal-bandiera jew lill-PKK tal-bandiera.
5. L-Istati Membri ma għandhomx jirrilaxxaw il-lott għall-kummerċ domestiku, l-importazzjoni jew l-esportazzjoni, jew, fil-każ ta' tonn ħaj destinat għall-farms, jaċċettaw id-dikjarazzjoni tat-trasferiment sakemm jitwettqu l-eżamijiet jew il-verifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u jikkonfermaw il-konformità tal-lott tat-tonn mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe liġi applikabbli oħra tal-Unjoni.
6. Il-kummerċ domestiku, l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew ir-riesportazzjoni tat-tonn għandhom ikunu pprojbiti meta Stat Membru, wara li jkun wettaq l-eżamijiet jew il-verifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' validazzjoni kkonċernati, jiddetermina li l-BCD jew il-BFTRC korrispondenti jkun invalidu.

KAPITOLU V  
TRAŻMISSJONI TA' DATA

Artikolu 10

Reġistrazzjoni fis-sistema tal-eBCD, notifika u verifika tal-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li l-utenti tagħhom ikunu rreġistrati fis-sistema tal-eBCD.
2. Meta Stat Membru jivvalida l-BCDs fir-rigward tal-bastimenti tal-qbid li jtajru l-bandiera tiegħu, in-nases jew il-farms tiegħu, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet ta' validazzjoni tal-gvern jew lil individwi jew istituzzjonijiet awtorizzati oħra responsabbli għall-validazzjoni u l-verifika tal-BCDs jew il-BFTRCs kull darba li jkun hemm bidla fl-informazzjoni li ġejja:
  - (a) l-isem u l-indirizz sħiħ tal-organizzazzjoni ta' validazzjoni;
  - (b) l-isem u t-titlu tal-uffiċjali ta' validazzjoni li ngħataw is-setgħa individwalment;

- (c) formola tal-kampjun tad-dokument;
  - (d) kampjun tat-timbru jew tas-siġill; u
  - (e) kif xieraq, kampjuni tat-tikketti.
3. In-notifika prevista fil-paragrafu 2 għandha tindika d-data minn meta l-bidla hija applikabbli. Kopja tad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali adottati għall-finijiet ta' implimentazzjoni tal-programm għad-dokumentazzjoni tal-qabdiet tat-tonn għandha tiġi kkomunikata man-notifikazzjoni inizjali, inkluż il-proċeduri dwar l-awtorizzazzjoni ta' individwi jew istituzzjonijiet mhux governattivi. Dettalji aġġornati dwar l-awtoritajiet u d-dispożizzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni fi żmien xieraq.
4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, b'mezzi elettroniċi, bil-punti ta' kuntatt, b'mod partikolari, l-isem u l-indirizz sħiħ tal-organizzazzjoni(jiet), li għandhom jiġu infurmati jekk jinqalgħu mistoqsijiet fir-rigward tal-BCDs jew il-BFTRCs.

5. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi mingħajr dewmien l-informazzjoni prevista fil-paragrafi 2 sa 4 lis-Segretarjat tal-ICCAT.
6. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw l-informazzjoni dwar l-awtoritajiet ta' validazzjoni nnotifikati lill-ICCAT u ppubblikati fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku miżmum mis-Segretarjat tal-ICCAT biex jgħinu lill-awtoritajiet tagħhom jivverifikaw il-validazzjoni tal-BCDs u l-BFTRCs.

#### Artikolu 11

#### BCD stampati jew eBCD stampati

1. BCD stampati jew eBCD stampati jistgħu jintużaw fil-każijiet li ġejjin:
  - (a) il-ħatt ta' kwantitajiet ta' tonn ta' inqas minn tunnellata metrika waħda jew ta' inqas minn tliet ħutiet. Tali BCDs stampati għandhom jiġu kkonvertiti f'eBCD f'perjodu ta' sebat ijiem ta' xogħol mill-ħatt jew qabel l-esportazzjoni, skont liema minnhom jiġi l-ewwel;
  - (b) tonn li jkun inqabad qabel l-1 ta' Jannar 2017;

- (c) bħala riżerva fil-każ limitat li jinqalgħu diffikultajiet tekniċi fis-sistema li jipprekludu Stat Membru milli juża s-sistema tal-eBCD, skont il-proċeduri kif stabbilit fl-Anness 3 tar-Rakkomandazzjoni ICCAT 22-16. Id-dewmien min-naħa tal-Istati Membri biex jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa, bħall-forniment tad-data meħtieġa biex tiġi żgurata r-reġistrazzjoni tal-utenti fis-sistema tal-eBCD jew sitwazzjonijiet oħrajn li jistgħu jiġu evitati, ma għandhomx jikkostitwixxu diffikultà teknika aċċettabbli;
- (d) il-kummerċ tat-tonn tal-Paċifiku;
- (e) il-kummerċ bejn l-Unjoni u dawk li mhumiex PKK fejn l-aċċess għas-sistema tal-eBCD mis-Segretarjat tal-*ICCAT* ma jkunx possibbli jew ma jkunx f'waqtu biżżejjed biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm dewmien jew tfixkil bla bżonn fil-kummerċ.

2. L-użu ta' BCD stampat imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux jiġi invokat minn Stat Membru jew minn PKK bħala raġuni biex tiġi posposta jew miċħuda l-importazzjoni ta' konsenja tonn, dment li l-BCD stampat ikun konformi ma' dan ir-Regolament. L-eBCDs stampati li jiġu vvalidati fis-sistema tal-eBCD għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' validazzjoni stipulat fl-Artikolu 3(3).

3. L-Istati Membri tal-bandiera jew tan-nassa għandhom jipprovdu formoli tal-BCD biss lill-bastimenti tal-qbid u lin-nases li jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni, inkluż bħala qbid inċidentali. Formoli bħal dawn ma għandhomx ikunu trasferibbli.
4. Il-kopji stampati tal-eBCDs għandhom isegwu kull parti tal-lottijiet maqsuma jew prodott ipproċessat, permezz tan-numru uniku tad-dokument tal-eBCD sabiex tkun tista' tinholq rabta bejniethom.

## Artiklu 12

### Komunikazzjoni u konservazzjoni tad-dokumenti stampati ivvalidati

1. Ħlief f'każijiet fejn japplika l-Artikolu 4(4), l-Istati Membri għandhom jibagħtu kopja tal-BCDs jew tal-BFTRCs kollha vvalidati:
  - (a) lill-Kummissjoni;
  - (b) lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew PKK fejn it-tonn ser ikun kummerċjalizzat domestikament, trasferit f'gaġġa jew importat; u
  - (c) lis-Segretarjat tal-ICCAT.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-komunikazzjoni prevista fil-paragrafu 1 mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data tal-validazzjoni, jew qabel it-tmiem tat-trasport fejn it-tul mistenni tat-trasport ma għandux idum aktar minn ħamest ijiem tax-xogħol.
3. L-Istati Membri għandhom iżommu kopji tad-dokumenti maħruġa jew irċevuti għal mill-inqas sentejn.

Artikolu 13  
Rapport annwali

1. Sal-15 ta' Awwissu kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport li jinkludi l-informazzjoni deskritta fl-Anness 6 għar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 18-13, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.
2. Ir-rapporti ġġenerati mis-sistema tal-eBCD għandhom jintużaw biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-rapportar annwali msemmija fil-paragrafu 1. Fir-rapport annwali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll l-elementi deskritti fl-Anness 6 għar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 18-13 li ma jistgħux jiġu prodotti mis-sistema tal-eBCD.

3. Il-Kummissjoni għandha tfassal ir-rapport annwali tal-Unjoni bbażat fuq l-informazzjoni li tasal mingħand l-Istati Membri f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 u għandha tibagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Settembru kull sena.

KAPITOLU VI  
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 14  
Proċedura għall-emendi

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 15, li jemendaw dan ir-Regolament sabiex jadattawh għall-miżuri adottati mill-ICCAT li jorbtu lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha dwar:
  - (a) l-użu obbligatorju tal-eBCDs u l-BCDs skont l-Artikolu 3(1) u (2);
  - (b) ir-regoli dwar il-BCDs raggruppati skont l-Artikolu 3(6);
  - (c) il-validazzjoni tal-BCD u l-eBCD skont l-Artikolu 4;
  - (d) ir-reġistrazzjoni u l-validazzjoni tal-qabdiet u tal-kummerċ sussegwenti fis-sistema tal-eBCD skont l-Artikolu 5;

- (e) l-iskadenza tad-deroga msemija fl-Artikolu 5(4) u fl-Artikolu 6(5);
- (f) informazzjoni dwar il-validazzjoni u l-punti ta' kuntatt skont l-Artikolu 10(2);
- (g) l-użu ta' BCDs stampati jew eBCDs stampati skont l-Artikolu 11(1);
- (h) dati ta' rapportar imsemija fl-Artikolu 5(4), l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 13(1) u (3);
- (i) referenzi għall-Annessi għar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT kif previst fl-Artikolu 2(1), l-Artikolu 4(6), l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 11(1), il-punt (c) u l-Artikolu 13(1) u (3) **u għall-Annessi korrispondenti għal dan ir-Regolament;**
- (j) ***l-Annessi għal dan ir-Regolament.***

2. L-emendi li jsiru skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu limitati strettament għall-implimentazzjoni fid-dritt tal-Unjoni ta' emendi għar-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT.

## Artikolu 15

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 14 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f' dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f' data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat li jiġi adottat skont l-Artikolu 14 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## Artikolu 16

### Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 huwa mħassar.

Artikolu 17  
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

## *ANNEX I*

*Data li għandha tiġi inkluża fid-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn (BCD)*

- 1. Numru tad-dokument dwar il-qabdiet tat-tonn tal-ICCAT*
- 2. Informazzjoni dwar il-qabdiet*

*Isem tal-bastiment tal-qbid jew tan-nassa*

*Isem tal-bastimenti l-oħra (fil-każ ta' operazzjonijiet konġunti tas-sajd (JFOs))*

*Bandiera*

*Numru ta' Reġistrazzjoni tal-ICCAT*

*Kwota individwali*

*Kwota użata għal dan il-BCD*

*Data, żona tal-qbid u rkaptu użat*

*Għadd ta' ħut, il-piż totali u l-piż medju<sup>1</sup>*

*Numru ta' Reġistrazzjoni tal-ICCAT tal-JFOs (jekk applikabbli)*

*Numru tat-Tikketta (jekk applikabbli)*

---

<sup>1</sup> *Il-piż għandu jkun irrappurtat bil-piż sħiħ meta disponibbli. Jekk ma jintużax il-piż sħiħ, speċifika t-tip ta' prodott (eż. GG) fit-taqsimha "Piż Totali" u "Piż Medju" tal-formola.*

*Validazzjoni tal-Gvern*

*Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data*

3. *Informazzjoni dwar il-kummerç għall-kummerç ta' ħut ħaj*

*Id-deskrizzjoni tal-prodott*

*Informazzjoni dwar l-esportatur/il-bejgieh*

*Deskrizzjoni tal-mezz tat-trasport*

*Validazzjoni tal-Gvern*

*Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data*

*Importatur/Xerrej*

4. *Informazzjoni dwar it-trasferiment*

*Deskrizzjoni tal-bastiment tal-irmonk*

*Numru tad-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT*

*Isem u bandiera tal-bastiment,*

*Numru ta' Reġistrazzjoni tal-ICCAT*

*Numru ta' ħut mejjet matul it-trasferiment*

*Piż totali ta' ħut mejjet (kg)*

*Deskrizzjoni tal-gaġġa tal-irmonk*

*Numru tal-gaġġa*

5. *Informazzjoni dwar it-trażbord*

*Deskrizzjoni tal-bastiment tal-ġarr*

*Isem, bandiera, numru tar-Reġistrazzjoni tal-ICCAT, data, isem il-port, stat tal-port, pożizzjoni*

*Id-deskrizzjoni tal-prodott*

*(F/FR; RD/GG/DR/FL/OT)*

*Piż totali (NETT)*

*Validazzjoni tal-Gvern*

*Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data*

**6. Informazzjoni dwar it-trobbija**

*Deskrizzjoni tal-faċilità tat-trobbija*

*Isem, PKK, reġistru tal-ICCAT tal-faċilitajiet tat-trobbija tat-tonn (FFB) numru u post tal-farm*

*Parteċipazzjoni fil-programm nazzjonali ta' kampjunar (iva jew le)*

*Deskrizzjoni tal-gaġġa*

*Data tat-tqegħid f'gaġġ, numru tal-gaġġa*

*Deskrizzjoni tal-ħut*

*Estimi tal-għadd ta' ħut, il-piż totali u l-piż medju<sup>2</sup>*

*Informazzjoni dwar l-Osservatur Reġjonali tal-ICCAT*

*Isem, numru tal-ICCAT, firma*

*Stima tal-kompożizzjoni tad-daqsijiet (<8 kg, 8-30 kg, >30 kg)*

*Validazzjoni tal-Gvern*

*Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data*

---

<sup>2</sup> *Il-piż għandu jkun irrappurtat bil-piż sħiħ fejn disponibbli. Jekk ma jintużax il-piż sħiħ, speċifika t-tip ta' prodott (eż. GG) fit-taqsima "Piż Totali" u "Piż Medju" tal-formola.*

**7. Informazzjoni dwar it-teħid għall-qatla**

**Deskrizzjoni tat-teħid għall-qatla**

**Data tat-teħid għall-qatla**

**Għadd ta' ħut, il-piż (sħiħ) totali u l-piż medju**

**Numru tat-tikketta (jekk applikabbli)**

**Informazzjoni dwar l-Osservatur Reġjonali tal-ICCAT**

**Isem, numru tal-ICCAT, firma**

**Validazzjoni tal-Gvern**

**Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data**

**8. Informazzjoni dwar il-kummerċ**

***Id-deskrizzjoni tal-prodott***

***(F/FR; RD/GG/DR/FL/OT)***

***Piż totali (NETT)***

***Informazzjoni dwar l-esportatur/il-bejgiegħ***

***Punt tal-esportazzjoni jew tat-tluq***

***Isem tal-kumpannija tal-esportazzjoni, l-indirizz, il-firma u d-data***

***Stat tad-destinazzjoni***

***Deskrizzjoni tal-mezz ta' trasport (id-dokumenti rilevanti għandhom ikunu mehmuża)***

***Validazzjoni tal-Gvern***

***Isem tal-awtorità u l-firmatarju, titlu, firma, siġill u data***

***Informazzjoni dwar l-importatur/ix-xerrej***

***Punt ta' importazzjoni jew destinazzjoni***

***Isem tal-kumpannija tal-importazzjoni, indirizz, firma u data tal-firma***

## ANNEX II

### Dokument dwar il-qabdiel tat-tonn tal-ICCAT

<b>1. DOKUMENT DWAR IL-QABDIET TAT-TONN TAL-ICCAT (BCD)</b>		Nru:		1/2	
<b>2. INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET</b>					
<b>INFORMAZZJONI DWAR IL-BASTIMENT/IN-NASSA</b>					
	ISEM IL-BASTIMENT TAL-QBID/IN-NASSA;	BANDIERA/PAK	NRU TA' REĠISTRAZZJONI ICCAT	KWOTA INDIVIDWALI	QABDA
	ISEM IL-BASTIMENTI TAS-SAJD L-OĦRA	BANDIERA	NRU TA' REĠISTRAZZJONI ICCAT	KWOTA INDIVIDWALI	QABDA
<b>DESKRIZZJONI TAL-QABDA</b>					
	DATA (jj/xx/ss)		QASAM		RKAPTU
	Nru ta' ĦUT		PIŻ TOTALI (kg)		PIŻ MEDJU (kg)
	Nru TA' REĠISTRAZZJONI ICCAT tal-Operazzjoni Konġunta tas-Sajd				
	Numru tat-TIKKETTA (jekk applikabbli)				
<b>VALIDAZZJONI TAL-GVERN</b>					
	ISEM TAL-AWTORITÀ		SĠILL		
	TITOLU				
	FIRMA				
	DATA (jj/xx/ss)				
<b>3. INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ</b>					
<b>DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT</b>					
	PIŻ ĦAJ (kg)		Nru ta' ĦUT		ZONA
<b>ESPORTATUR/BEJJIEGĦ</b>					
	PUNT TA' ESPORTAZZJONI/TLUQ	KUMPAĠJA		INDIRIZZ	
	FARM DESTINATARJU		PAK		Nru FFB ICCAT
	FIRMA				
	DATA (jj/xx/ss)				
<b>DESKRIZZJONI TAL-MEZZ TA'</b>		<i>(Ehmeż id-dokumenti rilevanti)</i>			

<b>TRASPORT</b>							
<b>VALIDAZZJONI TAL-GVERN</b>							
ISEM TAL-AWTORITÀ					SIĠILL		
TITOLU							
FIRMA							
DATA (jj/xx/ss)							
<b>IMPORTATUR/XERREJ</b>							
KUMPAÑIJA				PUNT ta' IMPORTAZZJONI/DESTINAZZJONI			
				(Belt, Pajjiż, Stat)			
INDIRIZZ							
DATA TAL-FIRMA (jj/xx/ss)				FIRMA			
ANNES(I): IVA/LE (iċċirkola waħda)							
<b>4. TAGHRIF DWAR IT-TRASFERIMENT</b>							
<b>DESKRIZZJONI TAL-BASTIMENT TAL-IRMONK</b>							
Numru tad-DIKJARAZZJONI TAT-TRASFERIMENT TAL-ICCAT							
ISEM		BANDIERA		REĠISTRAZZJONI ICCAT		Nru.	
Nru Ta' ĦUT MEJJET MATUL IT-TRASFERIMENT				PIŻ TOTALI TAL-ĦUT MEJJET (kg)			
DESKRIZZJONI TAL-GAĠĠA TAL-IRMONK		Nru tal-GAĠĠA					
ANNES(I): IVA/LE (iċċirkola waħda)							
<b>5. INFORMAZZJONI DWAR IT-TRAŻBORD</b>							
<b>DESKRIZZJONI TAL-BASTIMENT TAL-ĠARR</b>							
ISEM		BANDIERA		REĠISTRAZZJONI ICCAT		Nru.	
DATA (jj/xx/ss)		ISEM TAL-PORT		STAT TAL-PORT			
POŻIZZJONI (Lat./Long.)							
DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT (Indika l-piż nett f'kg għal kull tip ta' prodott)							
F	RD(kg):	GG(kg):	DR(kg):	FL(kg):	OT(kg):	PIŻ TOTALI	
						"F" (kg)	
FR	RD(kg):	GG(kg):	DR(kg):	FL(kg):	OT(kg):	PIŻ TOTALI	
						"FR" (kg)	
<b>VALIDAZZJONI TAL-GVERN</b>							
ISEM TAL-AWTORITÀ					SIĠILL		
TITOLU							
FIRMA							
DATA (jj/xx/ss)							
ANNES(I): IVA/LE (iċċirkola waħda)							

<b>DOKUMENT DWAR IL-QABDIET TAT-TONN TAL-ICCAT (BCD)</b>			<b>Nru:</b>			<b>2/2</b>	
<b>6. INFORMAZZJONI DWAR IT-TROBBIJA</b>							
<b>DESKRIZZJONI TAL-FAĊILITÀ TAT-TROBBIJA</b>	<b>ISEM</b>		<b>PKK</b>		<b>NRU FFB ICCAT</b>		
	<b>PROGRAMM NAZZJONALI TA' KAMPJUNAR?</b>						
	IVA jew LE (iċċirkola waħda)			<b>POST</b>			
<b>DESKRIZZJONI TAL-GAĠĠA</b>	<b>DATA (jj/xx/ss)</b>			<b>Nru tal-GAĠĠA</b>			
<b>DESKRIZZJONI TAL-ĦUT</b>	<b>NRU TA' ĦUT:</b>		<b>PIŻ TOTALI (kg):</b>		<b>PIŻ MEDJU (kg):</b>		
<b>INFORMAZZJONI DWAR L-OSSERVATUR REĠJONALI tal-ICCAT</b>	<b>ISEM</b>		<b>TITOLU</b>		<b>FIRMA</b>		
	<b>KOMPOŻIZZJONI TAD-DAQS</b>		<b>&lt;8 kg</b>	<b>8-30 kg</b>	<b>&gt;30 kg</b>		
<b>VALIDAZZJONI TAL-GVERN</b>							
<b>ISEM TAL-AWTORITÀ</b>					<b>SİĞILL</b>		
<b>TITOLU</b>							
<b>FIRMA</b>							
<b>DATA (jj/xx/ss)</b>							
<b>ANNESS(I): IVA/LE (iċċirkola waħda)</b>							
<b>7. INFORMAZZJONI DWAR IT-TEĦID GĦALL-QATLA</b>							
<b>DESKRIZZJONI TAT-TEĦID GĦALL-QATLA</b>							
<b>DATA (jj/xx/ss)</b>		<b>NRU ta' ĦUT</b>		<b>TOTAL TA' PIŻ TOTALI (kg)</b>			
<b>AVG. PIŻ (kg)</b>		<b>NRU TAT-TIKKETTA (Jekk applikabbli)</b>					
<b>INFORMAZZJONI DWAR L-OSSERVATUR REĠJONALI tal-ICCAT</b>	<b>ISEM</b>		<b>TITOLU</b>		<b>FIRMA</b>		
<b>VALIDAZZJONI TAL-GVERN</b>							
<b>ISEM TAL-AWTORITÀ</b>					<b>SİĞILL</b>		
<b>TITOLU</b>							
<b>FIRMA</b>							
<b>DATA (jj/xx/ss)</b>							
<b>8. INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ</b>							
<b>DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT (Indika l-piż nett f'kg għal kull tip ta' prodott)</b>							
<b>F</b>	<b>RD(kg):</b>	<b>GG(kg):</b>	<b>DR(kg):</b>	<b>FL(kg):</b>	<b>OT(kg):</b>	<b>PIŻ TOTALI</b>	
						<b>"F" (kg)</b>	

FR	RD(kg):	GG(kg):	DR(kg):	FL(kg):	OT(kg):	PIŻ TOTALI	
						"FR" (kg)	
<b>ESPORTATUR/BEJJIEGĦ</b>							
PUNT TA' ESPORTAZZJONI/TLUQ		KUMPANJA			INDIRIZZ		
STAT TAD-DESTINAZZJONI							
FIRMA							
DATA (jj/xx/ss)							
DESKRIZZJONI TAL-MEZZ TA' TRASPORT			(Hemeż id-dokumenti relevanti)				
<b>VALIDAZZJONI TAL-GVERN</b>							
ISEM TAL-AWTORITÀ					SIĠILL		
TITOLU							
FIRMA							
DATA (jj/xx/ss)							
<b>IMPORTATUR/XERREJ</b>							
KUMPANJA					PUNT ta' IMPORTAZZJONI/DESTINAZZJONI		
					(Belt, Pajjiż, Stat)		
INDIRIZZ							
DATA (jj/xx/ss)					FIRMA		
ANNESS(I): IVA/LE (iċċirkola waħda)							

**NOTA:** Din il-formola għandha tintela f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-ICCAT (l-Ingliż, il-Franċiż jew l-Ispanjol). Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra kollha ta' din il-formola huma pprovduti għall-informazzjoni biss.

## *ANNEX III*

*Istruzzjonijiet għall-ħruġ, in-numerazzjoni, l-mili u l-validazzjoni tad-dokument dwar il-qabdiel tat-tonn (BCD)*

### *1. PRINĊIPJI ĠENERALI*

#### *(1) Lingwa*

*Meta tintela l-BCD għandha tintuża lingwa uffiċjali tal-ICCAT (l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ispanjol).*

#### *(2) Enumerazzjoni*

*L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw sistema unika ta' numerazzjoni għall-BCDs billi jużaw il-kodiċi tal-pajjiż tal-ICCAT jew il-kodiċi ISO tagħhom flimkien ma' numru bi 8 ċifri fejn tnejn minn dawn iċ-ċifri għandhom jindikaw is-sena tal-qabda.*

*Pereżempju: CA-09-123456 (CA tfisser il-Kanada).*

*Fil-każ ta' vjeġġi maqsuma jew prodotti pproċessati, il-kopji tal-BCD oriġinali għandhom jiġu nnumerati billi n-numru tal-BCD oriġinali jiġi ssupplimentat b'numru b'żewġ ċifri.*

*Pereżempju: CA-09-123456-01, CA-09-123456-02, CA-09-123456-03.*

*In-numrazzjoni għandha tkun sekwenzjali u prefirribbilment stampata. In-numri tas-serje tal-BCDs vojta maħruġa għandhom jiġu rreġistrati b'isem ir-riċevitur.*

*Fil-każ tal-produzzjoni ta' BCD raggruppat, l-operatur tal-farm jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jitlob numru tal-BCD ġdid mingħand l-Istat Membru tal-farm. In-numru għall-BCDs raggruppati għandu jkun fih "G" bħal pereżempju "CA-09-123456- G".*

## **2.      **INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET****

### **(1)    **Mili****

#### **(a)    **Prinċipji ġenerali:****

*Din it-taqsima hija applikabbli għall-qabdiel kollha tat-tonn.*

*Il-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew l-operatur tan-nases jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħhom jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera jew tan-nassa għandu jkun responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsima tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET**.*

*It-taqsima tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET** għandha timentela mhux aktar tard mit-tmiem tal-operazzjoni tat-trasferiment, tat-trażbord jew tal-ħatt.*

*Rimarka: fil-każ ta' JFO bejn bnadar differenti, għandu jiġi prodott BCD wieħed għal kull bandiera. F'dan il-każ, kull BCD għandu jindikar l-istess informazzjoni fl-**INFORMAZZJONI TAL-BASTIMENT/NASSA** fir-rigward tal-bastiment li fil-fatt għamel il-qabda u l-bastimenti tas-sajd l-oħra kollha involuti f'dik il-JFO, filwaqt li d-**DESKRIZZJONI TAL-QABDA** għandha tindika l-informazzjoni dwar il-qabdiel attribwita għal kull bandiera abbażi tal-kjavi tal-allokkazzjoni tal-JFO.*

*Fil-każ ta' qabdiet li joriġinaw minn JFO wieħed li jkun magħmul minn bastimenti tal-istess bandiera, il-kaptan tal-bastiment tal-qbid li fil-fatt għamel tali qabdiet, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera, għandu jimla l-formola tal-BCD f'isem il-bastimenti kollha li jkunu qed jipparteċipaw f'tali JFO.*

**(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:**

*“ISEM IL-BASTIMENT TAL-QBID JEW TAN-NASSA”:* elenka isem il-bastiment tal-qbid li fil-fatt għamel il-qabdiet.

*“ISEM IL-BASTIMENTI L-OĦRA TAS-SAJD”:* applikabbli biss għall-JFOs u elenka l-bastimenti tas-sajd l-oħra parteċipanti.

*“BANDIERA”:* indika l-Istat Membru tal-bandiera jew tan-nassa.

**“Numru ta’ REĠISTRAZZJONI tal-ICCAT”:** indika n-numru tal-ICCAT tal-bastiment tal-qbid jew tan-nassa awtorizzati jistadu għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni. Dik l-informazzjoni mhijiex applikabbli għall-bastimenti tal-qbid li jistadu għat-tonn bħala qbid sekondarju. Fil-każ ta’ JFO, elenka n-Numri tar-Reġistru tal-ICCAT tal-bastiment li fil-fatt għamel il-qabda kif ukoll bastimenti oħra li pparteċipaw f’dik il-JFO.

**“KWOTA INDIVIDWALI”:** indika l-ammont tal-kwota individwali mogħtija lil kull bastiment.

**“KWOTA UŻATA GĦAL DAN IL-BCD”:** indika l-ammont tal-qabda attribwit għal dan il-BCD.

**“IRKAPTU”:** indika l-irkaptu tas-sajd li juża l-kodiċijiet li ġejjin:

**BB** Dgħajsa tas-sajd bil-lixka

**GILL** Għażel

**HAND** Xlief

<i>HARP</i>	<i>Ħarpun</i>
<i>LL</i>	<i>Konz</i>
<i>MWT</i>	<i>Xbieki tat-tkarkir f'nofs l-ilma</i>
<i>PS</i>	<i>Tartarun tal-borża</i>
<i>RR</i>	<i>Qasba u rukkell</i>
<i>SPHL</i>	<i>Xlief sportiv</i>
<i>SPOR</i>	<i>Sajd sportiv mhux ikklassifikat</i>
<i>SURF</i>	<i>Sajd tal-wieċ mhux ikklassifikat</i>
<i>TL</i>	<i>Xlief ikkurat</i>
<i>TRAP</i>	<i>Nassa</i>
<i>TROL</i>	<i>Xlief bir-Rixa</i>

**UNCL** *Metodi mhux speċifikati*

**OT** *Tip ieħor*

**“Nru tal-ĦUT”**: *fil-każ ta’ JFO li jkun magħmul minn bastimenti tal-istess bandiera, indika l-għadd totali ta’ ħut maqbud f’tali operazzjoni. Fil-każ ta’ JFO bejn bnadar differenti, indika l-għadd ta’ ħut attribwit għal kull bandiera skont il-koeffiċjent tal-allokkazzjoni.*

**“PIŻ TOTALI”**: *indika l-piż totali sħiħ f’kilogrammi. Jekk il-piż sħiħ ma jintużax fil-ħin tal-qabda, indika t-tip ta’ prodott (eż. GG). Fil-każ ta’ JFO bejn bnadar differenti, indika l-piż sħiħ attribwit lil dik il-bandiera skont il-koeffiċjent tal-allokkazzjoni.*

**“ŻONA”**: *indika l-Mediterran, il-Punent tal-Atlantiku, il-Lvant tal-Atlantiku jew il-Paċifiku.*

**“Numru TAT-TIKKETTA (jekk applikabbli)”**: *jistgħu jiżdiedu linji addizzjonali biex ikun permess l-elenkar ta’ kull numru ta’ tikketta għal kull ħuta individwali.*

**(2) Validazzjoni**

*L-Istat Membru tal-bandiera jew tan-nassa għandu jkun responsabbli għall-validazzjoni tat-taqsima tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET** sakemm it-tonn ma jkunx ittikkettat f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.*

**3. *INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ TA' ĦUT ĦAJ***

**(1) Mili**

**(a) *Prinċipji ġenerali:***

*Din it-taqsima hija applikabbli biss għall-esportazzjoni tat-tonn ħaj.*

*Il-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera għandu jkun responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsima tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ TA' ĦUT ĦAJ.***

***It-taqsimha tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ TAL-ĦUT ĦAJ** għandha timtela qabel l-ewwel operazzjoni ta' trasferiment, jigiifieri t-trasferiment tal-ħut mix-xibka tal-bastiment tal-qbid għall-gaġġa tat-trasport.***

***Rimarka: fil-każ li kwantità ta' ħut imut matul l-operazzjoni tat-trasferiment u jiġi kummerċjalizzat u esportat domestikament, il-BCD oriġinali (it-taqsimha tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET mimlija**) għandu jiġi kkopjat għall-ħut, u t-taqsimha tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ tal-BCD** ikkopjat għandha timtela mill-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera u trasmessa lix-xerrej/importatur domestikku. Il-validazzjoni mill-gvern ta' dik il-kopja għandha tigarantixxi li tkun kopja valida u li tkun ġiet irreġistrata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru. Mingħajr il-validazzjoni tal-gvern, kwalunkwe kopja tal-BCD tkun nulla u bla effett.***

***Fil-każ ta' JFO li tinkludi bastimenti tal-istess Stat Membru, il-kaptan tal-bastiment tal-qbid li fil-fatt għamel il-qabdi, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera, għandu jkun responsabbli għall-mili.***

**(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:**

**“ŻONA”:** indika ż-żona ta’ trasferiment - il-Mediterran, il-Punent tal-Atlantiku, il-Lvant tal-Atlantiku jew il-Paċifiku.

**“PUNT TA’ ESPORTAZZJONI/TLUQ”:** indika l-Istat Membru jew l-isem tal-PKK taż-żona tas-sajd fejn it-tonn ġie ttrasferit jew f’każ ieħor indika “ibħra miftuħa”.

**“DESKRIZZJONI TAT-TRASPORT”:** ehmeż kwalunkwe dokument rilevanti li jiċċertifika l-kummerċ.

**(2) Validazzjoni**

**L-Istat Membru tal-bandiera ma għandux jivvalida dokumenti fejn it-taqsim tal-*INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET* ma tkunx mimlija.**

**4. TAGHRIF DWAR IT-TRASFERIMENT**

**(1) Mili**

**(a) *Prinċipji ġenerali:***

*Din it-taqsimha hija applikabbli biss għat-tonn ħaġ.*

*Il-kaptan tal-bastiment tal-qbid jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera għandu jkun responsabbli għall-mili tat-taqsimha tal-**INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT**. Fil-każ ta' **JFO** li tinkludi bastimenti tal-istess Stat Membru, il-kaptan tal-bastiment tal-qbid li fil-fatt għamel il-qabdi, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera, għandu jkun responsabbli għall-mili.*

*It-Taqsimha tal-**INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT** għandha timtela mhux aktar tard minn tmiem l-ewwel operazzjoni ta' trasferiment, jiġifieri t-trasferiment tal-ħut mix-xibka tal-bastiment tal-qbid għall-gaġġa tat-trasport.*

*Fi tmiem l-operazzjoni ta' trasferiment, il-kaptan tal-bastiment tal-qbid (jew il-kaptan tal-bastiment tal-qbid li fil-fatt ikun għamel il-qabdiel fil-każ ta' JFO magħmul minn bastimenti tal-istess Stat Membru) għandu jipprovi t-taqsimiet BCD (INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET, INFORMAZZJONI TAL-KUMMERĊ, INFORMAZZJONI TAL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ HAĠ u INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ mimlija u, fejn applikabbli, ivalidati) lill-kaptan tal-bastiment tal-irmonk.*

*Il-BCD mimli għandu jakkumpanja t-trasferiment tal-ħut matul it-trasport lejn il-farm, inkluż it-trasferiment tat-tonn ħaġ mill-gaġġa tat-trasport għal gaġġa oħra tat-trasport jew it-trasferiment tat-tonn mejjet mill-gaġġa tat-trasport għal bastiment awżiljarju.*

*Rimarka: fil-każ li xi ħut imut matul l-operazzjoni tat-trasferiment, il-BCD oriġinali (it-taqsimiet tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET, l-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ TA' ĦUT ĦAJ u l-INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT mimlijin u, fejn applikabbli, ivvalidati) għandu jiġi kkopjat, u t-taqsimi tal-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ tal-BCD ikkopjat għandha timtela mill-bejjiegħ/esportatur domestiku jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera u tiġi trażmessa lix-xerrej/importatur domestiku. Il-validazzjoni mill-gvern ta' din il-kopja għandha tiggarrantixxi li tkun kopja valida u li tkun ġiet irreġistrata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru. Mingħajr il-validazzjoni awtorizzata tal-gvern, kwalunkwe kopja tal-BCD tkun nulla u bla effett.*

**(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:**

*“Nru ta' ĦUT MEJJET MATUL IT-TRASFERIMENT” u “PIŻ TOTALI ta' ĦUT MEJJET”:* informazzjoni mimlija (jekk applikabbli) mill-kaptan tal-bastiment tal-irmonk.

*“Nru tal-GAĠĠA”:* indika n-numru ta' kull gaġġa fil-każ li bastiment tal-irmonk ikollu iktar minn gaġġa waħda.

**(2) Validazzjoni**

*Il-validazzjoni ta' din it-taqsima mhijiex meħtieġa.*

**5. INFORMAZZJONI DWAR IT-TRAŻBORD**

**(1) Mili**

**(a) Prinċipji ġenerali:**

*Din it-taqsima hija applikabbli biss għat-tonn mejjet.*

*Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd tat-trażbord jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bandiera għandu jkun responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsima tal-**INFORMAZZJONI DWAR IT-TRAŻBORD**.*

*It-taqsima tal-**INFORMAZZJONI DWAR IT-TRAŻBORD** għandha timtela fi tmiem l-operazzjoni ta' trażbord.*

**(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:**

**“DATA”:** indika d-data tat-trażbord.

**“ISEM IL-PORT”:** indika l-port tat-trażbord magħżul.

**“STAT TAL-PORT”:** indika l-Istat Membru jew il-PKK tal-port magħżul għat-trażbord.

**(2) Validazzjoni**

**L-Istat Membru tal-bandiera ma għandux jivvalida dokumenti meta t-taqsimha tal-  
INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET ma tkunx mimlija u vvalidata.**

**6. INFORMAZZJONI DWAR IT-TROBBIJA**

**(1) Mili**

**(a) Prinċipji ġenerali:**

*Din it-taqsima hija applikabbli biss għat-tonn ħaj li jitqiegħed f'gagġeg.*

*Il-kaptan tal-bastiment tal-irmonk għandu jagħti l-BCD (it-taqsimiet tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET, l-INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ TA' ĦUT ĦAJ u INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT** mimlija u, fejn applikabbli, ivalidati) lill-operatur tal-farm fi żmien it-tqegħid f'gagġeg.*

*L-operatur tal-farm jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-farm għandu jkun responsabbli mill-mili u t-talba għal validazzjoni tat-taqsima tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-FARM.***

*It-taqsima tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-FARM** għandha timtela mhux aktar tard minn tmiem l-operazzjoni ta' tqegħid f'gagġeg.*

**(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:**

*“Nru tal-GAĠĠA”: indika n-numru ta' kull gaġġa.*

*“**INFORMAZZJONI dwar l-OSSERVATUR REĠJONALI tal-ICCAT**”: indika l-isem, in-numru tal-ICCAT u l-firma.*

**(2) Validazzjoni**

*L-Istat Membru tal-farm għandu jkun responsabbli għall-validazzjoni tat-taqsima tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-FARM**.*

*L-Istat Membru tal-farm ma għandux jivvalida l-BCDs meta t-taqsimiet tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET, l-**INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ TA' ĦUT ĦAJ** u l-**INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT** mhumiex mimlija u, fejn applikabbli, iinvalidati.***

**7. *INFORMAZZJONI DWAR IT-TEĦID GĦALL-QATLA***

**(1) *Mili***

**(a) *Prinċipji ġenerali:***

*Din it-taqsima hija applikabbli biss għat-tonn imrobbi li jkun miet.*

*L-operatur tal-farm jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-farm għandu jkun responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsima tal-**INFORMAZZJONI DWAR IT-TEĦID GĦALL-QATLA**.*

*It-taqsimha tal-**INFORMAZZJONI DWAR IT-TEĦID GĦALL-QATLA** għandha timentela mat-tmiem l-operazzjoni ta' teħid għall-qatla.*

*(b) Istruzzjonijiet speċifiċi:*

*“Numru tat-**TIKKETTA** (jekk applikabbli)”: jistgħu jiżdiedu linji addizzjonali biex ikun permess l-elenkar ta' kull numru ta' tikketta għal kull ħuta individwali.*

*“**INFORMAZZJONI** dwar l-**OSSERVATUR REĠJONALI tal-ICCAT**”: indika l-isem, in-numru tal-**ICCAT** u l-firma.*

*(2) Validazzjoni*

*L-Istat Membru tal-farm għandu jkun responsabbli għall-validazzjoni tat-taqsimha tal-**INFORMAZZJONI DWAR IT-TEĦID GĦALL-QATLA**.*

*L-Istat Membru tal-farm ma għandux jivvalida l-BCDs meta t-taqsimiet tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-QABDIET**, l-**INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ GĦALL-KUMMERĊ TA' ĦUT ĦAJ**, l-**INFORMAZZJONI DWAR IT-TRASFERIMENT** u l-**INFORMAZZJONI DWAR IT-TROBBIJA** ma jkunux imtlew u, fejn applikabbli, għew ivvalidati.*

8. **INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ**

(1) **Mili**

(a) **Prinċipji ġenerali:**

*Din it-taqsimha hija applikabbli għat-tonn mejjet.*

*Il-bejgiegħ jew l-esportatur domestiku jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħhom jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-Istat Membru tal-bejgiegħ/l-esportatur għandu jkun responsabbli għall-mili u t-talba għall-validazzjoni tat-taqsimha tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ**.*

*It-Taqsimha tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ** għandha timtela qabel ma l-ħut jiġi kkummerċjalizzat domestikament jew esportat.*

(b) **Istruzzjonijiet speċifiċi:**

*“**DESKRIZZJONI TAT-TRASPORT**”: ehmeż kwalunkwe dokument rilevanti li jiċċertifika l-kummerċ.*

(2) *Validazzjoni*

*L-Istat Membru tal-bejgiegh/esportatur għandu jkun responsabbli għall-validazzjoni tat-taqsim tal-**INFORMAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ** sakemm it-tonn ma jkunx ittikkettat f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament.*

*Rimarka: f'każijiet fejn jirriżulta aktar minn kummerċ domestiku jew esportazzjoni waħda minn **BCD** waħda, kopja tal-**BCD** oriġinali għandha tiġi vvalidata mill-Istat Membru tal-bejgiegh domestiku jew tal-esportatur u għandha tintuża u tiġi aċċettata bħala **BCD** oriġinali. Il-validazzjoni mill-gvern ta' dik il-kopja għandha tiggarrantixxi li tkun kopja valida u li tkun ġiet irreġistrata mill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat. Mingħajr il-validazzjoni awtorizzata tal-gvern, kwalunkwe kopja tal-**BCD** tkun nulla u bla effett.*

*F'każijiet ta' riesportazzjoni, iċ-**ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI** (Anness V) għandu jintuża għall-ittraċċar ta' aktar movimenti, li għandhom ikunu relatati mal-informazzjoni tal-qabda tal-**BCD** oriġinali tal-qabda permezz tan-numru tal-**BCD** oriġinali.*

*Meta t-tonn jinqabad minn Stat Membru jew PKK bl-użu tas-sistema ta' tikkettar, jiġi esportat mejjiet lejn pajjiż, u jiġi esportat mill-ġdid lejn pajjiż ieħor, il-BCD li jakkumpanja ċ-ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI ma għandux għalfejn jiġi vvalidat. Madankollu, ċ-ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI għandu jiġi vvalidat.*

*Wara l-importazzjoni, it-tonn jista' jinqasam f'diversi biċċiet, li mbagħad jistgħu sussegwentement jiġu esportati. L-Istat Membru jew il-PKK tar-riesportazzjoni għandhom jikkonfermaw li l-biċċa riesportata hija parti mill-ħut oriġinali akkumpanjata mill-BCD.*

*ANNEX IV*

*Ċertifikat ta' riesportazzjoni tat-tonn tal-ICCAT*

*Taqsimha 1: Numru taċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni tat-tonn*

*Taqsimha 2: Taqsimha dwar ir-riesportazzjoni*

*Pajjiż/entità/entità tas-sajd li qed jirriesportaw*

*Punt tar-riesportazzjoni*

*Taqsimha 3: Deskrizzjoni tat-tonn importat*

*Piż nett (kg)*

*In-numru tal-BCD (jew l-eBCD) u d-data/i tal-importazzjoni*

*Taqsimha 4: Deskrizzjoni tat-tonn li se jkun riesportat*

*Piż nett (kg)*

*Numru Korrispondenti tal-BCD (jew eBCD)*

*Stat tad-destinazzjoni*

*Taqsimha 6: Validazzjoni tal-Gvern*

**ANNEX V**

**Ċertifikat ta' riesportazzjoni tat-tonn tal-ICCAT**

<b>1. NUMRU TAD-DOKUMENT</b>	<b>ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI TAT-TONN TAL-ICCAT</b>			
<b>2. TAQSIMA DWAR IR-RIESPORTAZZJONI:</b>				
<i>PAJJIŻ/ENTITÀ/ENTITÀ TAS-SAJD LI QED JIRRIESPORTAW</i>				
<i>PUNT TAR-RIESPORTAZZJONI</i>				
<b>3. DESKRIZZJONI TAT-TONN IMPORTAT</b>				
<i>Tip ta' Prodott</i>	<i>Piż Nett</i>	<i>Bandiera PKK</i>	<i>Data tal-importazzjoni</i>	<i>BCD</i>
<i>F/FR RD/GG/DR/FL/OT</i>	<i>(kg)</i>			<i>Nru.</i>
<b>4. DESKRIZZJONI TAT-TONN LI SE JKUN RIESPORTAT</b>				
<i>Tip ta' Prodott</i>	<i>Piż Nett</i>	<i>Numru Korrispondenti tal-BCD</i>		
<i>F/FR RD/GG/DR/FL/OT</i>	<i>(kg)</i>			
<i>F=Frisk, FR = Friżat, RD = Tond GG = Mingħajr Garġi u Mnaddaf, DR = Imħejjija, FL = Flett, OT = Oħrajn (Iddeskrivi t-tip ta' prodott: )</i>				
<b>STAT TAD-DESTINAZZJONI:</b>				
<b>5. DIKJARAZZJONI TA' MIN SER JIRRIESPORTA:</b>				
<i>Niċċertifika li sal-aħjar għarfien u fehma tiegħi, l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hija kompluta, vera u korretta.</i>				
<i>Isem</i>	<i>Indirizz</i>	<i>Iffirmar</i>	<i>Data</i>	
<b>6. VALIDAZZJONI TAL-GVERN:</b>				
<i>Niddikjara li sal-aħjar għarfien u fehma tiegħi, l-informazzjoni mogħtija hawn fuq hija sħiħa, vera u korretta.</i>				
<i>Isem u Titlu</i>	<i>Iffirmar</i>	<i>Data</i>	<i>Siġill tal-Gvern</i>	

